**8 ta' Jannar, 1993**

**Imhallef: –**

**Onor. G. Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Giovanni Dimech *et*

*versus*

Maria armla minn Philip Ellul *et*

## Rinunzja għal Wirt – Att li Jimplika l-Aċċettazzjoni ta' l-Eredità

*Peress li n-nota ta' rinunzja għal wirt baqgħet ma ġietx esibita fil-proċess il-Qorti tara li għandha tkun sostnuta l-eċċezzjoni tal-konvenuta fis-sens illi ma saritx prova li saret rinunzja formali b'talba fis-Sekond'Awla kif hu neċessarju li jsir qabel ma xi parti titlob il-leġittima.*

*Jirriżulta mix-xiehda ta' l-attur li wara l-mewt ta' l-omm huwa u ħutu qasmu xi oġġetti tad-deheb. Dan il-fatt jindika li kien hemm aċċettazzjoni taċita dwar il-qsim billi sar att li neċessarjament jimplika l-aċċettazzjoni ta' l-eredità.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentat fl-4 ta' Ġunju, 1986, li bih l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi Tumas Dimech, missier il-partijiet miet fis-sbatax (17) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin (1976);

Premess illi Carmela Dimech, omma il-partijiet mietet fis-sitta u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmenin (1980);

Premess illi b'testment fl-atti tan-Nutar Philip Saliba tas-sittax (16) ta' Mejju ta' l-elf disa' mija u ħamsa u sebgħin (1975) (kopja Dok. "A"), l-imsemmija konjugi Dimech, ġenituri tal-partijiet ħallew lill-partijiet eredi fi kwoti ndaqs bejniethom, iżda ħallew bi prelegat lill-konvenuta Maria llum Ellul fi pjena u assoluta proprjetà, id-dar ta' l-abitazzjoni tagħhom f'numru (6) De Rohan Street, Ħaż-Żebbuġ, bl-oġġetti kollha tad-deheb u ħaġar prezzjuż u dana b'kumpens ta' serviġi;

Premess illi b'dan il-legat ġiet fil-fatt leża l-leġittima spettanti lill-atturi mill-wirt tal-ġenituri;

Talbu għalhekk li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi bl-imsemmi prelegat imħolli lill-konvenuta Maria llum Ellul mill-ġenituri tal-kontendenti b'testment fl-atti tan-Nutar Philip Saliba, ġiet leża l-leġittima spettanti lill-atturi skond il-liġi;

2. Tordna li tiġi llikwidata l-istess leġittima spettanti lill-atturi mill-wirt ta' l-imsemmija ġenituri tagħhom u dana billi jekk hemm bżonn jiġu qabel illikwidati: (a) il-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejn il-konjugi Tumas u Carmela Dimech; (b) l-assi partikolari ta' Tumas Dimech wara li tkun ġiet assenjata lil dan l-assi l-porzjoni li tmiss lilu mill-imsemmija komunjoni ta' l-akkwisti; (ċ) l-assi partikolari ta' Carmela Dimech wara li tkun ġiet assenjata lil dan l-assi l-porzjoni li tmiss lilu mill-komunjoni ta' l-akkwisti;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu l-leġittima hekk illikwidata lill-atturi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Maria Ellul ippreżentata fl-1 ta' Awissu, 1986, li biha eċċepiet:

1. Fl-ewwel lok l-eċċipjenti tosserva illi l-atturi ma rrinunzjawx għall-wirt b'mod espress kif trid il-liġi. U ġaladarba dan ma għamluhx, huma ma setgħux jippromwovu din l-istanza billi r-rinunzja hi preordinata għal talba għal-leġittima;

2. Sekondarjament l-eċċipjenti ssostni illi l-legat lilha hekk imħolli bit-testment tal-ġenituri tagħha hu wieħed rimuneratorju għal serviġi reżi u b'hekk u f'kull każ ma jilledix id-drittijiet ta' l-atturi;

3. Finalment l-eċċipjenti qatt ma rrifjutat illi tersaq għal-likwidazzjoni tal-leġittima voluta mill-atturi u b'hekk m'għandhiex tbati spejjeż inutilment;

Illi din il-kawża tirrigwarda allegazzjoni illi b'legat imħolli mill-konjugi Dimech, ġenituri tal-partijiet fit-testment tagħhom tas-16 ta' Mejju, 1975, ġiet leża l-leġittima li hija spettanti lill-atturi mill-wirt tal-ġenituri u għalhekk saret talba biex dan il-prelegat effettivament ma jiġi kkunsidrat u tiġi allura assenjata l-leġittima;

*Omissis;*

Dwar l-ewwel l-eċċezzjoni tal-konvenuta, dina hija marbuta mal-fatt illi l-leġittima tista' tintalab biss wara illi jkun hemm rinunzja formali bit-talba relattiva fis-Sekond'Awla;

In verità għalkemm jidher illi l-atturi sostnew illi huma kienu għamlu din ir-rinunzja fi stadju sussegwenti, u għalkemm saret riferenza għal dan id-dokument illi kellu jiġi esibit bl-ittri "ZZ" fin-nota tas-sottomissjonijiet ta' l-istess atturi ddatata 9 ta' Diċembru, 1988, din baqgħet ma ġietx esibita, biss il-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ta' l-14 ta' Diċembru, 1988, donnha qiegħda taċċetta l-fatt illi jekk inhu l-każ illi saret din ir-rinunzja wara, allura japplika l-prinċipju tal-*jus superveniens* in kwantu din naturalment tissana d-difett;

Il-Qrati tagħna dejjem aċċettaw it-teorija tal-*jus superveniens* f'dan ir-rigward. Ara f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Prim'Alwa fl-ismijiet Francesco Saverio Fava *vs* Elizabetta Camilleri deċiża fl-20 ta' Diċembru, 1854;

Il-Qorti la hi kuntenta u lanqas hi konvinta bil-fatt illi din in-nota ta' rinunzja baqgħet ma ġietx esibita fil-proċess, u għalhekk peress illi ma tirriżultax din il-prova l-Qorti tara li għandha tiġi sostnuta l-eċċezzjoni tal-konvenuta fis-sens illi ma

saritx prova li saret rinunzja formali b'talba fis-Sekond'Awla kif hu neċessarju li ssir qabel ma xi parti titlob il-leġittima;

Kif tajjeb osservat l-istess konvenuta, il-Qrati tagħna dejjem sostnew illi din ir-rinunzja hija tassattiva. Ara f'dan ir-rigward dak li qalet il-Prim'Awla fil-kawża Vittorina Sciberras *et vs* Anna Gauci deċiża fil-15 ta' Lulju, 1941 fejn, peress illi ħadd mill-werrieta preżunti ma kien għadu rrinunzja għall-wirt, il-Qorti qalet:

"Jirriżulta li ħadd mill-partijiet ma għadu ddelibera jaċċettax jew le l-wirt, jew jiħux il-leġittima. Għaldaqstant l-atturi ma setgħux jagħmlu din il-kawża għax għadhom ma jistgħux jiġu kkunsidrati la bħala werrieta u lanqas bħala leġittimarji....";

Din il-Qorti taqbel ma' din il-posizzjoni u għalhekk jidhrilha li għandha tilqa' din l-eċċezzjoni;

Jingħad ukoll, a skans ta' kull ekwivoku, illi din il-Qorti disposta taċċetta wkoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta fis-sens illi jirriżulta univokament illi kif qal l-attur John Dimech fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 1987, "wara l-mewt ta' ommi jiena u l-atturi l-oħra konna qsamna xi oġġetti tad-deheb, u dawn kienu jikkonsistu f'katina tad-deheb u xi ċrieket tad-deheb";

Dan il-fatt m'huwiex ikkontestat jew kontradett minn ħadd, u għalhekk jindika li kien hemm aċċettazzjoni taċita dwar il-qsim billi sar att li neċessarjament jimplika l-aċċettazzjoni ta' l-eredità. F'dan ir-rigward il-Qorti tista' tiċċita diversi sentenzi fosthom dawk riportati fil-Vol. XIX, Parti III, P. 43; Vol. XXXVI, Parti II, p. 475; Vol. XXIII, Parti I, p. 254; Vol. XXVII, Parti I, p. 791; Vol. XXX, Parti II, p. 256, kif ukoll sentenza fl-ismijiet

"Lorenza Cauchi kontra Carmelo Cilia *et*" deċiża mill-Prim'Awla fit-30 ta' Settmebru, 1985;

Jidher għalhekk illi anke din l-eċċezzjoni għandha lok illi tiġi milqugħa b'mod illi ma jistgħux l-atturi llum jitolbu l-leġittima *una volta* illi għamlu att illi bih univokament jidhru li aċċettaw l-eredità";

Il-Qorti għalhekk tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.